# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 18/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Robert Borg**

Illum 18 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Robert Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 105573(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Settembru 2002 u l-1 ta' Ottubru 2002, f'tas-Sliema, ikkommetta serq ta' flus kontanti u xi dokumenti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, ħin u l-valur

[1] Ara l-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-27 ta' Ġunju 2008 (*a fol.* 226).

li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), u dan sar għad-detriment ta' David Norbert Schembri minn tas-Sliema;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara li saret għad-detriment ta' David Norbert Schembri minn tas-Sliema ma tiskorriex il-ħamsin lira Maltin (Lm50) iżda hija iżjed minn għaxar liri Maltin (Lm10);

3. fit-30 ta' Settembru 2002 u fil-ġimgħat ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ, u ċioè il-flus u dokumenti msemmija aktar 'il fuq misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; u

4. kiser *Probation* a tenur ta' Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 8 ta' Frar 2001 u lliberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu u talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati datati 23 ta' Mejju 1996, 3 ta' Novembru 1998 u 15 ta' Ġunju 1999, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 51, 289, 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 278, 279, 280, 281, 334(a), 325(1)(c) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat, bħala reċidiv, ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni dedotti kontra tiegħu iżda ma ssibux ħati tat-tielet (3) imputazzjoni stante li ddikjarat li din kienet ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni, u kkundannat lill-imputat għal piena komplessiva ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' l-

esperti u periti u konsegwentement ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex isseħħ l-eżekuzzjoni ta' din l-Ordni skont il-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2018 fejn in segwitu ta' digriet mogħti fis-17 ta' Ġunju 2024 din il-Qorti laqgħet talba tal-appellant sabiex it-talba tiegħu fir-Rikors tal-appell tiġi taqra hekk: *"1 [...] tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba'akkużi kif dedotti kontra tiegħu filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux ħati u lliberatu mit-tielet imputazzjoni; 2. Alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dana billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-16 ta' Jannar 2018.

Illi l-fatti ta' dan il-każ kienu fil-qosor is-segwenti: Id-derubat David Norbert Schembri kellu maħżen tas-Sliema minn fejn huwa kien jopera negozju ta' *detergents*. Jidher li l-appellant kien ħabib tad-derubat b'dana illi ġieli kien imur ġol-maħżen tiegħu u jqatta' xi ħin hemm kif ukoll ġieli kienu jixorbu flimkien. Fil-maħżen tiegħu, Schembri kien iżomm żewġ fliexken tal-plastik sabiex fihom iġemma xi flus. Skont l-istess Schembri, dan ġibed l-

attenzjoni tal-appellant tant li darba minnhom irrimarkalu dwar dawn il-fliexken. Fil-lejl ta' bejn l-aħħar ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2002 rriżulta li kien hemm sgass fil-maħżen tad-derubat. Jidher li missier id-derubat, li joqgħod f'appartament li qiegħed fil-blokka fuq il-maħżen in kwistjoni, ħareġ filgħodu u nnota li l-bieb ta' barra tal-appartament kien sgassat u tieqa interna li kienet tagħti għal maħżen kienet miftuħa. Minn naħa l-oħra fuq il-bieb tal-maħżen kienu jidhru xi sinjali ta' tentattiv ta' sgass u l-katnazz li kien hemm barra deher li kien ġie ssegat kważi kollu. Waqt id-depożizzjoni mogħtija minnu, id-derubat Schembri jispjega li huwa f'moħħu mal-ewwel mar fuq l-appellant u beda jfittxu. Jiġi spjegat li huwa separatament kiseb xi informazzjoni minn żewġ persuni fejn wieħed mill-persuni nfurmah li ra lill-appellant ġewwa ħanut il-Ħamrun. B'din l-informazzjoni d-derubat informa lill-Pulizija. Xi jiem wara s-serqa, il-persuna l-oħra nforma lid-derubat li kien għaraf lill-appellant ħiereġ fis-siegħa ta' filgħodu mill-maħżen. Minn naħa tiegħu l-appellant ma ressaq l-ebda verżjoni.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tliet aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li quddiem l-Ewwel Qorti għajr għal xi seduti fejn tqabbad avukat tal-għajnuna legali sabiex jassistih, huwa ma kienx assistit. Jargumenta li s-sistema tal-avukati tal-għajnuna legali hawn Malta taħdem fuq numru ristrett ta' avukati. Jgħid li dan l-avukat jiġi assenjat fuq il-bażi ta' min ikun imissu mingħajr ebda attenzjoni għall-ispeċjalizzazzjoni. Jgħid li huwa ma kellux difiża adegwata b'mod li d-dettami tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma ġewx sodisfatti. Jisħaq li l-ispirtu tal-Kostituzzjoni jrid jinftiehem fis-sens ta' difiża adegwata b'remunerazzjoni suffiċjenti mill-Istat sabiex jiġi assigurat li d-difiża tkun waħda adegwata. Jgħid li s-sitwazzjoni legali preżenti ma tissodisfax l-kriterji provduti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Jgħid li huwa ġie mċaħħad minn difiża adegwata u rriżerva li jqajjem tali lanjanza f'forum oħra opportuni.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma għandhiex kompetenza ta' natura kostituzzjonali. Apparti minn dan, din il-Qorti rat bir-reqqa l-verbali li nżammu quddiem l-Ewwel Qorti minn liema jirriżulta, fost l-oħrajn, li l-appellant allura imputat wera disinteress fil-kawża kontra tiegħu. Quddiem l-Ewwel Qorti saru ħafna seduti fejn fil-maġġior parti minnhom rriżulta li ma deher ħadd. Apparti l-fatt li kien hemm istanzi fejn l-Ewwel Qorti ġiet mgħarrfa mill-Prosekuzzjoni li l-appellant allura imputat kien jinsab l-Ingilterra u li ma kellux intenzjoni jiġi lura Malta (*a fol.* 102), kien hemm istanzi wkoll fejn ġie dikjarat li huwa kien maħrub (*a fol.* 178).

Illi lanqas ma huwa korrett l-appellant meta jgħid li għajr għal avukat tal-għajnuna legali, huwa ma kienx assistit. Għandu jingħad li mill-verbali miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li minbarra l-avukat tal-għajnuna legali, l-appellant ġie assistit minn żewġ avukati differenti għal numru ta' seduti. Minbarra dan din il-Qorti tinnota li fl-aħħar seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant kien assistit mill-avukat li eventwalment ħa ħsieb jippreżenta r-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi mis-seduti kollha li nżammu quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li dawk li fihom sar xi ħaġa ta' sustanza jammontaw għal anqas minn għaxra nkluż is-seduta fejn ingħatat is-sentenza. Minn dawn is-seduti l-appellant kien assistit f'numru minnhom. Jirrizulta wkoll li meta l-appellant irrimarka li ma kellux mezzi biex iqabbad avukat li l-Ewwel Qorti minnufih ħadet ħsieb li jiġi nkarigat avukat tal-għajnuna legali sabiex jassistih (*a fol.* 241).

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li mill-verbal tas-seduta miżmuma fis-27 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 268) jirriżulta li dakinhar kien deher l-appellant allura imputat u li l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża *"għall-aħħar darba"* sabiex id-difiża tressaq il-provi tagħha u li d-darba ta' wara l-appellant ma deherx u l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawza għas-sentenza in difett ta' ostakolu b'dan illi numru ta' seduti wara

ngħatat is-sentenza fil-konfront tal-appellant hekk kif debitament assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu. Għal kull buon fini jingħad li mill-atti proċesswali jirriżulta li minn dakinhar li l-kawża tħalliet għas-sentenza in difett ta' ostakolu sakemm eventwalment ingħatat għaddew 'il fuq minn tnejn u għoxrin (22) xahar (mill-1 ta' Marzu 2016 sas-16 ta' Jannar 2018) f'liema perjodu l-appellant ma ressaq l-ebda talba sabiex possibbilment iressaq il-provi tiegħu.

Illi b'hekk isegwi li l-ewwel aggravju għandu jkun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti. L-appellant jispjega li l-Ewwel Qorti straħet esklussivament fuq ix-xiehda tad-derubat Schembri u tal-ħbieb tiegħu filwaqt li għażlet li tiskarta l-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset mill-tressaq evidenza konkreta. Jargumenta li x-xiehda tad-derubat hija bbażata fuq *detto del detto*. Dwar ix-xiehda ta' Schembri, l-appellant jgħid li hija bbażata fuq suspetti minħabba li kif jgħid ix-xhud huma ħbieb u saħansitra jmorru jixorbu flimkien. Rigward ix-xiehda ta' Victor Farrugia, l-appellant jgħid li dakinhar tas-serqa fis-1.00am għaraf lilu (lill-appellant) iżda meta jpoġġi data fuq dak li ra huwa jsemmi li kien Novembru mentri s-serqa in kwistjoni jingħad li seħħet fl-aħħar jum ta' Settembru sbieħ l-ewwel jum ta' Ottubru. Ikompli li l-istess Farrugia qatt ma kkonferma li l-fliexken li ġew murija lilu waqt li kien qed jixhed kienu dawk li ra lilu (lill-appellant) ħiereġ bihom. Jgħid li huwa stramb kif dan ix-xhud ma marx għand il-Pulizija mill-ewwel imqar fuq bażi anonima u lanqas ma nforma lid-derubat mill-ewwel b'dan. Jgħid li wieħed ma jistax joqgħod fuq dan ix-xhud in kwistjoni minħabba li huwa wieħed prinċipali u meta jiġi meqjus id-difetti fix-xiehda tiegħu inkluż il-fatt li ma kienx jaf fatti bażiċi.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jirreferi wkoll għal fatt li Johann Zammit li huwa wkoll ħabib tad-derubat qal li ra lilu (lill-appellant) dieħel ġewwa stabbiliment fil-Ħamrun. Ikompli li hekk

kif Zammit spjega dan lid-derubat, Schembri mar ifittxu (lill-appellant). Dwar ix-xiehda ta' Paul Galea, l-appellant jgħid li Galea qal li fil-ħanut tiegħu kienu jidħlu ħafna nies isarrfu l-flus iżda qatt ma ftakar li ġew imsarrfa xi flejjes kbar. Jisħaq li kieku huwa (l-appellant) ħa dawk il-muniti kollha biex jissarrfu żgur li x-xhud kien jiftakru. Jgħid li Galea lanqas għarfu (lill-appellant) waqt li kien qed jixhed. L-appellant isostni li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovdi provi oħra bħal ma huma l-marki tas-swaba u li kieku daħal jisraq kien iħalli xi forma ta' evidenza bħal dawn jew provi oħra simili. Jilmenta wkoll li ma ġewx elevati l-filmati tas-*CCTV* li hemm fit-triq. Jisħaq li fl-atti proċesswali ma hemm l-ebda prova li dak addebitat fil-konfront tiegħu ġie kommess minnu u li d-dubji u l-kontradizzjonijiet għandhom imorru favur tiegħu.

Illi minn naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jirrimarka li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni x-xiehda mogħtija mix-xhieda kollha u mhux biss dik mogħtija mid-derubat. Jisħaq li sena wara l-akkadut, ix-xhud Farrugia għaraf lill-appellant fl-awla. Rigward il-flixkun, l-istess xhud jispjega li għalkemm ma għarafx il-flixkun li ġie ppreżentat quddiemu waqt is-seduta huwa ta deskrizzjoni bażika ta' dak li kienu qed iġorru l-ħallelin. Rigward iż-żmien meta seħħ ir-reat l-Avukat Ġenerali jirrimarka li x-xhud qal li ma kienx ċert. Isemmi wkoll il-fatt li l-appellant kien imur fil-ħanut tad-derubat u jirreferi għal fatt li l-appellant kien jistaqsi wkoll ħafna mistoqsijiet dwar il-madwar tal-ħanut. Minbarra hekk isemmi ukoll ix-xiehda ta' Johann Zammit li għarraf lid-derubat li l-appellant kien mar ġo ħanut fil-Ħamrun isarraf xi muniti.

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment dwar l-aggravju in eżami hija tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal

> għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti qieset ix-xiehda kollha li ġiet mogħtija mix-xhieda mressqa quddiemha u hija ddeċidiet li temmen il-verżjoni mogħtija minnhom. Tabilħaqq il-verżjoni mogħtija mix-xhud Victor Farrugia hija ferm b'saħħitha speċjalment meta huwa għaraf lill-appellant u jispjega li fil-lejl tas-serqa raħ ħiereġ mill-ħanut tad-derubat (*a fol.* 50 *et seq.*). Għal kull buon fini jingħad li x-xhud irrimarka li ma kienx ċert dwar id-data li kien qed isemmi u ċioè l-aħħar ta' Ottubru u bidu ta' Novembru. Dwar il-fatt li hawn Farrugia ma kienx korrett, din il-Qorti tinnota tali dettal jieħu importanza minuri u dana meta jiġi kkunsidrat l-assjem kollu tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll tal-fatt li fil-bidu tad-depożizzjoni tiegħu Farrugia jgħid li kien sejjer il-baħar.

Illi rigward ix-xiehda mogħtija mid-derubat Schembri, il-fatt li huwa kien qed jirrepeti dak li qalulu l-ħbieb tiegħu ma jfissirx li tali verżjoni ma tiswa xejn. Tal-inqas hija prova li tali konverżazzjoni seħħet. Apparti minn dan, jirriżulta li dawn ix-xhieda tressqu jixhdu u kkonfermaw il-verżjoni mogħtija minnu (mid-derubat). Rigward ix-xhud Farrugia, skont ix-xiehda tiegħu kien ħalla xi tliet ijiem jgħaddu sakemm kellem lid-derubat. Għalkemm mhux desiderabbli, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-fatt li x-xhud Farrugia kien dam xi ftit milli jagħti l-informazzjoni li kellu tnaqqas mill-kredibilita' tiegħu.

Illi rigward ix-xhieda l-oħra għalkemm dawn ma jidentifikawx lill-appellant bħala wieħed mill-ħallelin xorta jkomplu jibnu l-kwadru probatorju. Rigward Paul Galea din il-Qorti hija tal-fehma li kien xi ftit retiċenti u kien aktar interessat ma jiġix nvolut.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li ma tressqux il-provi kollha u jsemmi l-elevazzjoni tal-*fingerprints* u l-filmati tas-*CCTV*. F'dan ir-rigward din il-Qorti hija tal-fehma li dawn in-nuqqasijiet waħedhom ma jwasslux sabiex is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tiġi mħassra sa fejn sabet lill-appellant ħati. Kieku l-appellant ried seta' faċilment jitlob li din l-evidenza tiġi preżervata. Għalkemm huwa veru li huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aqwa prova, din il-Qorti tinnota li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha, kemm kontra kif ukoll a favur l-imputat, b'dan illi hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi suffiċjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-

imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat hija tinnota li tenut kont tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dan illi għalhekk li t-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta dwar it-tul ta' żmien li ħadet il-kawża u jisħaq li tali tul taż-żmien jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota (bħal ma ngħad fir-rigward tal-ewwel aggravju) li hija ma għandhiex kompetenza ta' natura kostituzzjonali. Apparti minn dan, din il-Qorti tinnota li d-dewmien f'dan il-każ jidher li primarjament kien dovut għad-

diffikulta' li l-appellant jiġi notifikat bis-seduti. Kien hemm drabi fejn saħansitra kien ikun notifikat u ma kienx jidher. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi minn dan t'hawn fuq jirriżulta li l-aggravji kollha mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu ġew miċħuda. Għal kull buon fini jingħad li fit-tieni talba tiegħu l-appellant speċifikament jitlob li din il-Qorti teroga piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Waqt is-sottomissjonijiet finali tiegħu, il-konsulent legali tal-appellant irrimarka li l-appellant għamel passi il-quddiem fil-ħajja tiegħu fejn saħansitra għeleb il-vizzju tad-droga u li kien sejjer jibda jaħdem. Huwa qal ukoll li l-addebitu tar-reċidiva (li jissemma fir-raba' (4) imputazzjoni) ma ġiex pruvat.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li ma tressaq l-ebda aggravju dwar ir-reċidiva, hija tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:
>
>> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, li ma hemm ebda aggravju dwar ir-reċidiva u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-piena għall-imputazzjonijiet li

tagħhom l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għaldaqstant it-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti timponi piena aktar u ġusta qed tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell (hekk kif korrett) imressaq mill-appellant Robert Borg u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**